MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tad-9 ta' Awwissu, 2007

Appell Kriminali Numru. 214/2007

Il-Pulizija
(Spt. A. Cassar)
Vs
Christofer Mifsud

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fit-18 t’Awissu, 2006, u granet ohra qabel din id-data,
1. bi ksur tal-Artikolu [ Recte : “Regolament”] 15(1) tal-Avviz Legali 128 ta’ 2002, ghall-habta tal-22.30 hrs, pogga jew ippermetta li jitpoggew imwejjed u siggijiet barra l-istabbiliment Chick King Bar li jinsab gewwa 42, Marina Street, M’Scala, minghajr ma kienet inhargitlu licenzja necessarja mill-Awtorita’;
2. u dan ukoll bi ksur tal-kundizzjonijiet tal-licenzja tal-istabbiliment li jipprovdi l-ikel (licence reference P/H/29/9)

Artikolu 43 (1)(b) tal-Kap. 409 skond l-Artikolu [Recte : “Regolament”] 23(1) ta’ l-Avviz Legali ta’ 2002.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-25 ta’ Mejju, 2007, li biha, wara li rat ir-Reg. 15(1) u 23(1) tal-A.L. 128/2002 u l-Artikolu 43(1) u (2) tal-Kap. 409 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati w ikkundannatu ghall-piena komplessiva ta’ hames mitt lira multa (LM500).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-1 ta’ Gunju, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza billi thassaraha, tirrevokaha w tannullaha w kwindi, minnha tillibera lill-appellant skond il-Ligi mill-imputazzjonijiet, htija w piena nflitta.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor huma s-segwenti w cioe' :- li l-Ewwel Qorti sabet htija abbazi tal-interpretazzjoni mghotija mill-artikolu 2 tal-Kap.409 tat-terminu 'operator' . L-appellant jikkontesta li hu ma jinkwadrax bl-ebda mod mall-interpretazzjoni moghtija. Hu biss impjegat fil-fond kummercjali msemmi w indikat fl-akkuzi migjuba kontrieh. Il-ligi tghid :-
*" 'operator' , means a person other than the owner, who is entitled to operate it in his own right under a title derived directly or indirectly from an owner."*
Li fuq dawn il-fatti, hu car u manifest li l-appellant bl-ebda mod ma hu persuna li jopera jew li kien jopera dan l-istabilimrent f' ismu stess jew bl-awtorita' tas-sid koncernat, la direttament u wisq inqas indirettament. Fil-fatt l-appellant hu registrat bhala *kitchen helper* go dan l-istabbliment kif jista' jigi verifikat mal-E.T.C.

Semghet il-provi mill-gdid fl-udjenza tal-5 ta' Lulju, 2007;

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;

Ikkonsidrat;

Illi x-xiehda tal-uniku xhud tal-prosekuzzjoni tista' tigi riassunta kif gej :-

**ANDRE' ZAMMIT,** Regulatory Officer fl-Enforcement Section tal-Awtorita' Maltija ghat-Turizmu, xehed li fit-18 t' Awwissu, 2006, ghall-habta tal-10.30 pm., kien mar jaghmel spezzjoni gol-istabbiliment Chick King f' Marsaskala w hemm kien sab lill-appellant. Kien staqsa ghal-licencee Philip Mifsud u l-appellant kien qallu li dak kien missieru imma ma kienx hemm. Gimgha qabel kienu tawh warning biex idahhal is-siggijiet. Izda hu kien baqa' bl-istess numru ta' siggijiet barra. Qalulu li ried jaghmel licenzja w ihallas biex johrog siggijiet barra, izda hu ma kellu ebda licenzja ghal siggijiet fuq barra. Sad-data meta kien qed jixhed (5.7.07) l-appellant ma kien irranga xejn. Huma harrku lill-appellant ghab-bazi tar-regulation 15 (1) tal-Avviz Legali 128 tal-2002 u tal-artikolu 13 tal-Interpretation Act.

In kontro-ezami, x-xhud qal li hu kien qed jixhed li ma hemmx licenzja abbazi tad-data base tal-Awtorita tat-Turizmu. Hu kien kellem lill-appellant. Dan kien qallu li hu kien *"in charg*e" minn hemm u li hu kien jiehu hsieb u li ma kienx hemm *"one off"* dak in-nhar. F' dan il-kaz ma hemmx *substitute* licenzjat. Fid-data base ghandhom lista ta' operaturi u l-operatur jigi responsabbli daqs il-licensee. Fil-kaz ta' dan l-istabbiliment ma hemmx operatur registrat maghhom pero'. De facto pero' kien qed jopera l-appellant.

Ikkonsidrat;

Illi l-abbli difensur argumenta li l-kwistjoni kollha tiddependi mill-interpretazzjoni tal-kelma 'operatur' u xi grad ta' prova trid tilhaq il-prosekuzzjoni. Ir-responsabbilta' hija tal-licencee. Ma jirrizultax li l-appellant hu registrat

bhala 'operatur' fuq id-data base tal-Awtorita'. Ma saritx il-prova li l-appellant kien l-operatur.

L-abbli prosekutur issottometta li l-ewwel imputazzjoni tista' tigi kommessa minn kullhadd, hux licenceee, operatur, jew ebda wiehed minnhom. Ghar-rigward tat-tieni imputazzjoni kien hemm ir-responsabbilta' vikarja. L-appellant kien ammetta li kien qed jopera l-post u meta l-ufficjal tal-Awtorita' mar fuq il-post, fiz-zewg okkazzjonijiet sab lill-appellant hemm, ghax hu kien qed jopera

Ikkonsidrat;

Illi dwar l-ewwel imputazzjoni ma hemmx dubju li kien l-appellant li pogga jew ippermetta li jitpoggew is-siggijiet barra l-istabbiliment Chick King Bar, f' Marsaskala, fid-data u l-hin imsemmija fl-imputazzjoni. Hu kien stqarr max-xhud tal-prosekuzzjoni Zammit li dak in-nhar hu kien qed jiehu hsieb il-post u li missieru - l-licencee tal-post - ma kienx hemm. Ergo jsegwi li hu kien responsabbli ghall-istat ta' fatt illegali ta' tpoggija ta' siggijiet barra bla licenzja. L-appellant, li ma xehedx, bl-ebda mod ma kkontesta din il-"*presumption of fact*" u ghalhekk din il-Qorti, bhall-Ewwel Qorti ghandha kull dritt li tinferixxi li kien hu li pogga jew ippermetta li jitpoggew siggijiet barra l-istabiliment li kien qed jiehu hsieb hu dak in-nhar. Ghalhekk l-ewwel imputazzjoni tirrizulta sodisfacentement pruvata.

Illi fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, l-ksur tal-licenzja jew ta' xi kondizzjoni taghha, jista' jigi attribwit lill-licencee u hadd aktar. Irrizulta mix-xhud tal-prosekuzzjoni li l-licencee tal-istabbilimnt hu missier l-appellant. Ghalhekk hu ftit stramb, biex ma jinghidx inspjegabbli, ghaliex il-prosekuzxzjoni ma akkuzatx lil-licencee, partikolarment meta l-appellant mhux registrat bhala operatur fuq id-*data base* tal-Awtorita' Maltija tat-Turizmu, fejn allura kieku kien hekk registrat koncepibbilment seta' kieku jkun responsabbli ukoll, ghal xi nuqqas konsistenti fi ksur tal-licenzja mahruga mill-istess Awtorita'.

Illi lanqas hu l-kaz li jiskatta l-artikolu 13 tal-Interpretation Act (Kap.249 tal-Ligijiet ta' Malta) f' dan il-kaz kif qed jghid ix-xhud tal-prosekuzzjoni, ghax dan l-artikolu hu applikabbli biss fil-kaz ta' reati komessi minn xi korp guridiku jew mhux jew minn ghaqda ta' persuni, fejn allura r-responsabbilta' penali testendi ghall kull ufficjal tal-istes korp f' certi cirkostanzi. Di fatti dan l-artikolu jghid testwalment hekk :-

“Meta xi reat taht jew kontra xi dispozizzjoni li tinsab f’ xi Att , li jkun ghadda sew qabel jew wara dan l-Att , isir minn korp jew ghaqda ta’ persuni sew jekk tkun persuna guridika jew le kull persuna li , fil-hin tal-eghmil tar-reat , kienet direttur , manager, segretarju jew ufficjal iehor simili tal-korp jew ghaqda , jew kienet tidher li qed tagixxi f’dik il-kariga , tkun hatja ta’ dak ir-reat kemm il-darba ma tippruvax li r-reat ikun sar minghajr it-taghrif taghha u li tkun ezercitat id-diligenza kollha xierqa biex tevita l-eghmil tar-reat."

F' dan il-kaz si tratta biss ta' individwu (Philip Mifsud) li hu licencee ta' bar u ta' individwu iehor, l-appellant, li jigi iben il-licencee u ma hemm ebda korp jew ghaqda ta' persuni involuti fl-operazzjoni ta' dan l-istabbiliment.

Lanqas hu l-kaz ta' xi responsabbilita' vikarja kif argumenta l-abbli prosekutur ghax se mai din normalment tkun tapplika f' sens kuntrarju w cioe' li l-licencee kien ikun responsabbli ghan-nuqqas kommess mid-dipendenti, impjegati jew assistenti tieghu w mhux vice versa.

Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti, l-appellant ma jirrispondix ghall-ksur tal-kondizzjonjijiet ta' xi licenzja li talvolta ghandu missieru Philip Mifsud, peress li hu la huwa l-licencee, la hu xi ' *substitute"* u lanqas "operatur" ghaliex ma giex pruvat li kien qed jiggestixxi l-istabbiliment "*in his own right".*

Konsegwentement l-aggravju tal-appellant ghandu jigi milqugh fir-rigward tat-tieni imputazzjoni w hu ghandu jigi liberat minnha.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata, billi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni w tirrevokaha in kwantu sabitu hati tat-tieni imputazzjoni w in kwantu kkundannatu ghall-multa komplessiva ta' hames mitt lira Maltin (LM500) u minnflok ma ssibux hati tal-istess tieni imputazzjoni w tilliberah minnha u, wara li rat ir-Regolamenti 15 (1) u 23 (3) tal-Avviz Legali 128 tas-sena 2002, tikkundannah hamsin lira Maltin (M50) multa fuq l-ewwel imputazzjoni, li jekk ma jithallsux minnufieh jigu konvertiti f' ghaxart ijiem prigunerija skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------